# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-13 t'Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 27/2015 SM**

**L-Avukat Dr. Lynn Zahra**

**vs.**

**Il-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja in rapprezentanza tal-Kumitat tal-Avukati u Prokuraturi Legali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-12 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet s-segwenti:

1.1. Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Magistrat Francesco Depasquale vs. Dr Lynn Zahra datata s-17 ta' Marzu, 2014, kondotta quddiem il-Kumitat tal-Avukati u Prokuraturi Legali, kienet

kostretta titlob ghar-rikuza ta' membru tal-istess Kumitat hemm indikat;

1.2. Illi hassitha kostretta tintavola l-imsemmija talba ghaliex il-membru tal-Kumitat hemm indikat kien heddidha quddiem in-nies barra l-Awla Kriminali li kien ser ipattihielha talli hi kienet accettat li taghmel appell ta' persuna li l-istess avukat kien precedentement iddefenda bhala avukat tal-Ghajnuna Legali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), minghajr ma kienet qabel talbet il-*congedo* minghand l-istess avukat;

1.3. Illi minn dan l-incident 'l quddiem l-istess avukat qatt ma kellem jew sellem lir-rikorrenti meta jigu wicc imb'wicc fil-qorti;

1.4. Illi l-ewwel darba li l-istess avukat indirizza lir-rikorrenti wara hafna snin kien biss fl-atti hawn riferiti mehuda quddiem il-Kumitat fuq indikat;

1.5. Illi pero`, meta hawn indirizza lir-rikorrenti, l-istess avukat ghamel hekk b'antagonizmu;

1.6. Illi l-Kumitat *de quo* injora l-apparenza tal-parzjalita` tal-istess avukat u tal-ingustizzja gravi li r-rikorrenti kienet ser issofri jew li setghet issofri meta l-istess avukat kien ser jiddelibera u jiddeciedi l-kaz inizjat fil-konfront tar-rikorrenti quddiem l-istess kumitat li tieghu hu kien wiehed mill-membri;

1.7. Illi *di piu`*, iddikjara li l-*animus* bejn gudikant u l-persuna li jkun ser jiggudika ma jqajjimx obbligu li l-gudikant jastjeni jew jirrikuza ruhhu mill-vertenza prodotta quddiemu ghaliex din mhix wahda mir-ragunijiet indikati fl-artiklu 733 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.8. Illi din mhix interpretazzjoni tal-ligi li hi konformi mal-principji tal-gustizzja naturali li tirrikjedi li l-gustizzja mhux biss trid issir, izda trid tidher li qed issir;

1.9. Illi tali interpretazzjoni tikkostitwixxi lezjoni lampanti tad-dritt fundamentali ta' smiegh xieraq minn qorti jew tribunal imparzjali u indipendenti fil-konfront tar-rikorrenti, liema

dritt hu protett mill-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjoni), u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, (minn issa 'l quddiem, il-Konvenzjoni);

1.10. Illi l-biza tar-rikorrenti li l-pregudizzju in dizamina kien ser jinfluwenza d-decizjoni tal-Kumitat kontra l-istess rikorrenti kienet tammonta ghal biza fundata u legittima;

1.11. Illi *di piu`* l-istess Kumitat minflok li investiga l-allegazzjoni kif dovut, esprima rabja kbira lejn ir-rikorrenti ghall-fatt li qajmet l-imgiba tal-avukat *de quo* fil-konfront taghha u hedded lir-rikorrenti li kemm- il darba kienet ser tippersisti bl-istess allegazzjoni fil-konfront ta' membru taghha, kien ser jinvestiga lir-rikorrenti fir-rigward u intima bi kjarezza li setghu jittiehdu proceduri ohra fil-konfront tar-rikorrenti, (ara foll 2);

1.12. Illi l-osservazzjonijiet indikati fil-paragrafu precedenti effettivament jikkostitwixxu gudizzju tal-Kumitat in kwistjoni fuq il-kredibilita` tar-rikorrenti;

1.13. Illi tali gudizzju hu wiehed pregudikat u ingust *stante* li l-istess Kumitat wasal ghall-konkluzjoni tieghu b'parzjalita` u minghajr lanqas biss ghamel investigazzjoni fir-rigward;

1.14. Illi fir-rigward tal-kummenti maghmula mir-rikorrenti, l-istess rikorrenti kienet debitament apologizzat, u din l-apologija kienet giet regolarment milqugha mill-Magistrat fuq riferit;

1.15. Illi *nonostante* l-istess apologija *de quo* il-Kumitat xorta wahda ghazel li jammonixxi lir-rikorrenti b'mod sproporzjonat, billi ddikjara li kemm- il darba r-rikorrenti jkollha kaz simili, kien ser jirtira l-*warrant* tar-rikorrenti minghajr l-ebda ezitazzjoni;

1.16. Illi l-istess Kumitat impona wkoll multa gholja u sproporzjonata fuq ir-rikorrenti;

1.17. Illi t-theddida indikata aktar qabel, (ara paragrafu numru wiehed punt hdax, (1.11.),), tilledi l-principji tal-gustizzja

naturali *stante* li minn jiggudika hu obbligat jisma` liz-zewg nahat, u mhux naha wahda biss;

1.18. Illi rizultat tal-istess theddida l-Kumitat in dizamina svesta lilu nnifsu minn kull awtorita` li jisma` u jiggudika kwalunkwe kawza koncernanti r-rikorrenti li din tista' eventwalment titressaq eventwalment quddiemu;

1.19. Illi *nonostante* dan, xorta qieghed jippretendi li jisma` aktar ilmenti indirizzati fil-konfront tar-rikorrenti u sahansitra beda anke jisma` ilment iehor imressaq fil-konfront taghha fit-2 ta' Frar, 2014;

1.20. Illi l-ilment indikat fil-paragrafu precedenti jidher li hi frivolu u vessatorju, u hu intiz li jintimida lir-rikorrenti biex ma tipprocediex kontra l-lanjant fuq il-fatti hemm indikati;

1.21. Illi meta fl-ewwel udjenza quddiem l-imsemmi Kumitat baghtet titlob ghal differiment ghaliex indisposta, giet ordnata tipproduci certifikat mediku, b'riserva li t-tabib firmatorju tal-istess certifikat jittella jixhed fir-rigward;

1.22. Illi b'dan il-mod l-istess Kumitat jidher li ghalkemm ghadhom lanqas bdew il-proceduri in dizamina, gia` esprima l-gudizzju tieghu dwar il-kredibilita` tar-rikorrenti;

1.23. Illi tali attitudni tirrivela percezzjoni negattiva ta' parzjalita` mill-Kumitat *de quo* fil-konfront tar-rikorrenti li tkompli ssahhah il-konvinciment taghha li l-Kumitat in dizamina mhux qieghed jagixxi kif tenut b'dik l-imparzjalita` rikjesta f'tali cirkostanzi;

1.24. Illi effettivament, dan jammonta ghall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq tar-rikorrenti;

1.25. Illi *di piu`*, l-istess Kumitat ordna wkoll li kemm- il darba c-certifikat mediku in dizamina ma jigiex prodott, kien ser jikkunsidra jiddeciedi l-kawza bhallikieku ma kienitx qed tikkontesta l-procedura;

1.26. Illi s-smigh ta' naha wahda biss mill-partijiet involuti f'kawza hu ekwivalenti ghal ksur tal-principji tal-gustizzja naturali;

1.27. Illi ghalhekk, l-agir tal-Kumitat *de quo* jammonta ghal ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti li tinghata smiegh xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif protett mill-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

1.28. Illi ghaldaqstant, aderiet din il-qorti biex din tiddeciedi:

1.28.1. Illi sehhet lezjoni ta' dritt fundamentali kif fuq spjegat wara li l-Kumitat in dizamina injora l-principju tal-gustizzja naturali u ppermetta lill-avukat hemm indikat jippartecipa fil-procedura kondotta mill-Kumitat in kwistjoni;

1.28.2. Illi sehhet ukoll lezjoni ta' dritt fundamentali meta l-istess Kumitat iddecieda li jisma` l-kawza kontra r-rikorrenti mressqa mill-ispettur hemm indikat, wara li l-istess Kumitat kien gia` esprima ruhhu dwar il-kredibilita` tar-rikorrenti;

1.28.3. Illi meta l-Kumitat talab certifikat mediku mir-rikorrenti kif fuq indikat, holoq apparenza ta' parzjalita` inaccettabbli, liema parzjalita` tikkostitwixxi wkoll ksur tad-dritt fundamentali protett mill-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

1.28.4. Illi d-dikjarazzjoni tal-Kumitat *de quo* li kien ser jiddeciedi zewg kawzi kontra r-rikorrenti daqslikieku kienu ammessi minnha meta fil-fatt huma kkontestati, tammonta ghall-vjolazzjoni gravi tad-dritt fundamentali protett mill-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

1.28.5. Illi meta l-Kumitat iddikjara li l-kawza inizjata mir-rikorrenti kontra Dr. Andrew Borg Cardona kienet ser titqies abbandunata jekk ma tipproduciex prova fi zmien tlett (3) ijiem li r-rikorrenti verament kienet indisposta, hi wkoll leziva l-istess artikli indikati fil-paragrafu precedenti;

1.28.6. Illi l-imsemmi Kumitat hu marbut li jonora l-principji tal-gustizzja naturali, anke fil-konfront tar-rikorrenti;

1.28.7. Illi ghalhekk, tordna lill-Kumitat in kwistjoni kif kompost, biex jiddesisti milli jiddeciedi l-kawzi pendenti quddiemu kontra r-rikorrenti;

1.28.8. Illi fi kwalunkwe kawza pendenti jew introdotta quddiem l-istess Kumitat, dan il-Kumitat ghandu jkun kompost minn membri differenti minn dawk li jikkomponu l-istess Kumitat fil-kawzi fuq riferiti;

1.28.9. Illi ghalhekk il-membri li jikkomponu l-istess Kumitat, lanqas jistghu joqghodu bhala membri tal-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja f'Appell li jista` jkun intavolat;

1.28.10. Illi taghti kull ordni jew direttiva xierqa biex tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali fuq riferiti;

1.28.11. Illi taghti danni morali ghall-vjolazzjoni in dizamina fil-konfront tar-rikorrenti;

1.28.12. Illi tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti d-danni morali hekk decizi;

1.28.13. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm esposta, awtorizzat il-kontinwazzjoni tal-kawza, (ara foll 14);

3.0. Rat ir-risposta tal-Kummissjoni intimata datata d-9 t'April, 2015, li permezz taghha sintetikament irrispondiet ghat-talbiet tar-rikorrenti bil-mod segwenti:

3.1. Illi l-Kummissjoni *de quo* mhiex il-legittimu kontradittur;

3.2. Illi l-Kumitat tal-Avukati u Prokuraturi Legali hu organu mwaqqaf mill-Kostituzzjoni u mill-Kap 369 tal-Ligijiet ta' Malta u jagixxi indipendentement mill-istess Kummissjoni intimata;

3.3. Illi konsegwentement il-Kummissjoni in kwistjoni ma tirrapprezentahx;

3.4. Illi l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-allegazzjoni taghha li l-Kumitat fuq riferit ma kkoncediex smigh xieraq fil-kaz li r-rikorrenti kellha quddiem l-istess Kumitat;

3.5. Illi l-istess rikorrenti ilmentat ukoll li ma kienitx ser tinghata smigh xieraq li seta` kien ser ikollha quddiem l-istess Kumitat;

3.6. Illi ghalhekk, r-risposta fuq gia` indikata li l-Kummissjoni *de quo* mhiex il-legittimu Kontradittur hi aktar fortifikata;

3.7. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat is-27 t'April, 2015, li sussegwentement kien irtirat fl-udjenza datata l-10 ta' Gunju, 2015, (ara foll 24);

5. Rat id-digriet taghha datat ukoll l-10 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali involuti, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissjoni intimata bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 24), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 26);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissjoni intimata datata s-26 ta' Mejju, (ara foll 29), flimkien man-nota tar-rikorrenti li wkoll iggib l-istess data, (ara foll 32);

Ikkunsidrat:

7. Illi in vista tal-premess, (ara paragrafu numru hamsa, (5.), aktar qabel u foll 26), din hi biss sentenza parzjali rigwardanti l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissjoni intimata li hi mhix il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni odjerna, (ara foll 15);

Ikkunsidrat:

8. Illi sintetikament, il-procedura odjerna tikkonsisti f'talba biex din il-qorti tiddikjara li gie vjolat id-dritt fundamentali tar-rikorrenti ta' smigh xieraq kif protett mill-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, fi procedura legali mehuda fil-konfront tar-rikorrenti quddiem il-Kumitat tal-Avukati u Prokuraturi Legali u dan, meta l-kumitat *de quo* ippermetta l-partecipazzjoni tal-avukat hemm indikat, u ghar-ragunijiet fuq espressi mir-rikorrenti, l-istess kumitat injora l-principji tal-gustizzja naturali fil-konfront tal-istess rikorrenti;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi in risposta ghall-istess, il-Kummissjoni intimata ssosstni li dan il-Kumitat partikolari:

9.1. Hu organu imwaqqaf mill-Kostituzzjni u mill-Kap 369 tal-Ligijiet ta' Malta; u

9.2. Jagixxi b'mod li hu kompletament indipendenti mill-imsemmija Kummissjoni;

10. Illi konsegwentement, il-Kummissjoni in kwistjoni ma tirraprezentax lill-kumitat *de quo*;

11. Illi ghalhekk il-Kummissjoni intimata mhix il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

12. Illi a bazi tal-artiklu 101A tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni intimata ssostni li hu evidenti li l-Kommissjoni in dizamina u l-Kumitat in kwistjoni huma:

> "... zewg organi separati u li apparti li ghandhom funzjoniiet differenti minn xulxin, jagixxu fil-qadi tal-funzjonijiet taghhom b'mod awtonomu minn xulxin", (ara foll 30);

13. Illi min-naha taghha r-rikorrenti ssostni fir-rigward li l-Kumitat in dizamina hu entita` li:

"... ma ghandux personalita` guridika u distinta...", (ara foll 32);

Ikkunsidrat:

14. Illi jibda biex jinghad f'dan ir-rigward li s-sub-artiklu 14 tal-artiklu 101A tal-Kostituzzjoni jistabbilixxi s-segwenti:

"Il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skont din il-Kostituzzjoni ma ghandiex tigi ezaminata minn ebda qorti";

15. Illi pero`, *nonostante* il-posizzjoni kategorika mehuda fis-sub-artiklu fuq citat, issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)***, fl-ismijiet ***L-Imhallef Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs. L-Onorevoli Prim Ministru et*** datata l-***5 ta' Gunju, 2014***, liema decizjoni ticcita ukoll b'approvazzjoni s-sentenza ***L-Onorevoli Imhallef Anton Depasquale vs. L-Onorevoli Prim Ministru et***, deciza fid-***29 ta' Jannar, 1999***, fejn b'referenza ghall-artiklu 101A (14) tal-Kostituzzjoni riferit fil-paragrafu precedenti rriteniet is-segwenti:

"Fi stat ta' dritt hadd ma hu fuq il-ligi, u l-kummissjoni mwaqqfa taht il-ligi biex hi wkoll thares il-ligi, tkun hielsa minn skrutinju mill-Qrati fil-kaz biss li s-setghat taghha tinqeda bihom skont il-ligi, jekk tmur lil hemm minn dawn is-setghat u tfassal principli anti-kostituzzjonali, tkun kisret il-ligi u l-Qrati – l-organu fdat bid-dmir li jara li l-ligi tithares – iharsu dak li tkun ghamlet hazin";

16. Illi minn ezami tad-dispozizzjonijiet Kostituzzjonali li jiddeterminaw il-libertajiet fundamentali tal-bniedem, ma jirrizulta li hemm xejn li jezenta lill-Kummissjoni mill-iskrutinju gudizzjarju fir-rigward;

17. Illi in fatti fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Grace Sacco vs. Onorevoli Prim Ministru et***, datata z-***17 ta' Settembru, 2013***, il-***Qorti Kostituzzjonali*** irriteniet is-segwenti f'sitwazzjoni analoga rigwardanti l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku meta ezaminat jekk din il-Kummissjoni kienitx qdiet validament il-funzjonijiet taghha skont il-Kostituzzjoni:

> “Gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana li l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni ma jezimix lill-Kummissjoni mill-obbligu taghha li tosserva d-dispozizzjonijiet kontenuti fil-Kapitlu IV tal-istess Kostituzzjoni, li jelenka d-drittijiet fundamentali tal-bniedem li huma applikabbli ghal kulhadd, sakemm ma jkunux espressament eskluzi fl-istess dispozizzjonijiet li tosserva dawn id-drittijiet fundamentali”;

Ikkunsidrat:

18. Illi jsegwi ghalhekk li l-artiklu 101A(14) tal-Kostituzzjoni fuq citat, (ara paragrafu numru erbatax, (14.), aktar qabel), ma jezonerax lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja mill-iskrutinju tal-qrati;

19. Illi permezz tal-istess jigi ghalhekk assikurat li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem kif dedotti fil-Kapitlu IV tal-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni fuq indikata, jibqghu dejjem salvagwardati minn tribunal imparzjali u indipendenti;

20. Illi *di piu`*, fid-dawl tas-suespost hu ghalhekk pacifiku li *nonostante* dak espressament dikjarat fis-sub artiklu 14 tal-artiklu 101A tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni in dizamina mhix ezenti mill-iskrutinju tal-qrati fil-limiti esposti;

Ikkunsidrat:

21. Illi *del resto* din hi espressjoni moderna tal-principju antik tas-sovranita` tad-dritt li sintetikament jistabbilixxi li l-ebda persuna jew organu m’ghandu jkun il-fuq mill-ligi;

22. Illi in effetti, kif jittraduci John Warrington f’ “Aristotle’s Politics and Athenian Constitution” (J.M. Dent, 1959, book III, s. 1287, p. 97), dan il-principju gia` kellu l-espressjoni cara u inekwivokabbli tieghu fil-hsieb ta’ dan il-filosofu kbir meta kkristallizza s-segwenti:

> “It is better for the law to rule than one of the citizens ... so even the guardians of the laws are obeying the laws”;

23. Illi *di piu`*, kif isostni Lord Steyn f'era ferm aktar ricenti minn dik indirizzata fil-paragrafu precedenti meta fil-"***House of Lords***" sostna s-segwenti fil-kawza fl-ismijiet "***R vs. Secretary of State for the House Department, ex p. Pierson [1998]***:

> "Unless there is the clearest provision to the contrary, Parliament must be presumed not to legislate contrary to the rule of law. And the rule of law enforces minimum standards of fairness, both substantive and procedural";

24. Illi *in oltre*, l-istess Lord Justice indikat fil-paragrafu precedenti jkompli jemfasizza f'dan ir-rigward fil-kaz fl-ismijiet ***R. (Roberts) vs. Parole Board [2005] UKHL45, [2005] 2 AC738***, ghalkemm f'lingwagg xejn gudizzjarju li ma jimmeritax li jigi hawn riprodott *verbatim*, li f'dan ir-rigward hu importanti li wiehed ma joqghodx jilghab ma dan il-principju fundamentali *stante* li kemm -il darba jsir dan wiehed ikun qieghed verament jimmina l-essenza tal-gustizzja, *stante* li l-uzu ta' tali kumitat ikun ekwivalenti ghal "smigh fantazma";

25. Illi finalment, kif ritenut fl-artiklu 6 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropeja, (TFEU), 2012:

> "The Union is founded on the principles of liberty, democracy, respect of human rights and fundamental freedoms, and the rule of law, principles which are common to the Member States";

Ikkunsidrat:

26. Illi l-funzjonijiet tal-Kummissjoni intimata u tal-Kumitat li minnha jemana, joriginaw mis-sub-artiklu 6 tal-artiklu 101A tal-Kostituzzjoni, liema sub-artiklu jistipula s-segwenti:

> "(a) Il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ghandha f'kull zmien ikollha Kumitat ghall-Avukati u Prokuraturi Legali li jkollu dik il-kompozizzjoni, u dawk il-funzjonijiet, dawk is-setghat u dmirijiet li jistghu jigu assenjati lilu b'ligi. Il-Kummissjoni ghandha fl-ezercizzju ta' kull funzjoni taghha relattiva ghall-professjonijiet ta' Avukat u ta' Prokuratur Legali,

tagixxi permezz tal-imsemmi kumitat b'dak il-mod, u suggett ghal dik ir-revizjoni kif dik il-ligi tista` tipprovdi;

(b) Minkejja d-disposizzjoni tal-paragrafu (a) ta' dan is-sub-artiklu, il-Kummissjoni ghandha tirreferi lill-Kumitat ghall-Avukati u Prokuraturi Legali... kull kwistjoni li tirrigwarda l-imgieba hazina ta' avukati jew prokuraturi legali fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu, u, hlief f'kaz ta' appell, il-Kummissjoni ma ghandiex tagixxi xort'ohra fuq dik il-kwistjoni hlief wara li tkun irceviet u skont il-konkluzjonijiet tal-Kumitat f'dik il-materja. B'dan illi meta rapport tal-konkluzjonijiet tal-Kumitat ma jkunx ghadu gie pprezentat lill-Kummissjoni fi zmien xahrejn mil-jum meta l-kwistjoni tkun tressqet l-ewwel darba quddiem il-Kumitat, jew f'dak il-perjodu iehor jew perjodi ohrajn li l-Kummissjoni tista` tippermetti, li fl-ebda kaz, hlief ghal ragunijiet eccezzjonali hafna, ma ghandhom jissuperaw l-erba` xhur, il-Kummissjoni ghandha minnufih tinvestiga l-kwistjoni u taqtaghha hi nnifisha";

27. Illi in vista tal-premess, ghandu jirrizulta pacifiku li fil-kazijiet li jirrigwardaw lill-Avukati u lill-Prokuraturi Legali, il-Kummissjoni intimata tagixxi tramite dan il-Kumitat appozitament imsemmi fis-sub-artiklu 101A(6) tal-Kostituzzjoni riprodott fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

28. Illi in vista tal-premess jirrizulta li z-zewg organi in dizamina - il-Kummissjoni u l-Kumitat mhumiex organi kompletament separati u awtonomi minn xulxin *stante* li in effetti, tal-ahhar mhux xejn hlief estensjoni w emanazzjoni minn tal-ewwel;

Ikkunsidrat:

29. Illi jirrizulta li l-Kumitat in dizamina m'ghandux dik il-personalita` guridika distinta mill-Kummissjoni li jemana minnha, u jagixxi biss in funzjoni tal-istess sub-artiklu 6 fuq riprodott;

30. Illi ghandu jkun pacifiku li tramite dan l-espedjent tal-Kumitat *de quo*, il-Kummissjoni intimata holqot mekkanizmu specifiku biex il-

kwistjonijiet rigwardanti l-avukati u l-prokuraturi legali jigu epurati b'dan il-metodu partikolari hekk maghzul;

31. Illi in vista tal-premess, dan il-Kumitat partikolari ma jirrizultax li ghandu dik il-kapacita` guridika awtonoma rikjesta biex ikun dan l-istess Kumitat li *sua sponte* jinizja jew jiddefendi b'mod indipendenti, proceduri gudizzjarji li jistghu jigu indirizzati minnu jew kontra tieghu;

Ikkunsidrat:

32. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Peter Axisa proprio et nomine et*** vs. ***Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima li ssucieda ghall-mansjonijiet tal-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali et***, datata t-***8 ta' Frar, 2016***, li stabbiliet:

> "Illi l-personalita` guridika huwa l-istatus moghti bil-ligi lil entita` li hija stabbilita ghal ghan legali mfisser bil-miktub fi strument li holoqha";

33. Illi *nonostante* r-riferenza li ssir ghalih fis-sub-artiklu 6 tal-artiklu 101A tal-Kostituzzjoni, (ara paragrafu numru sitta u ghoxrin, (26.), aktar qabel), xorta wahda ma jirrizultax li dan il-Kumitat tal-Avukati u tal-Prokuraturi Legali in dizamina nghata dak l-gharfien formali mill-Istat biex jikkwalifika biex ikollu personalita` guridika distinta rikjesta;

34. Illi ghalhekk, in vista tal-premess, ma jistax jigi ritenut li l-Kumitat *de quo* ghandu personalita` guridiku distinta biex ikun meqjus li verament ghandu ezistenza separata u indipendenti minn dik tal-Kummissjoni minn fejn jorigina;

35. Illi ghaldaqstant, il-Kumitat *de quo* ma jistax jitqies li hu entita` awtonoma mill-Kummissjoni, u konsegwentement, ma jistax jigi ritenut li ghandu personalita` guridiku separata, awtonoma u distinta mill-Kummissjoni in kwistjoni;

Ikkunsidrat:

36. Illi fid-dawl tas-suespost hi l-Kummissjoni intimata li ghandha twiegeb ghall-ilmenti indirizzati mir-rikorrenti;

**DECIDE:**

37.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti ghalhekk:

37.1. Tirrespingi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissjoni intimata; u

37.2. Tirrizerva d-decizjoni taghha rigward l-ispejjez tal-procedura ghall-istadju finali tal-istess;

37.3. Tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**